# Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## RIK NRU 29/2023: **JOHN PAUL GRIMA (KI. 260490M) V. SABRINA AQUILINA (KI. 318279M)**

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**23 ta' Ġunju 2025**

IL-QORTI,

wara li rat li fit-3 ta' Frar 2023 kien ġie ppreżentat rikors ta' John Paul Grima (hawn imsejjaħ "ir-rikorrent"), liema rikors naqas mir-Reġistru tal-Qrati Ċivili u Tribunali u wara **<u>iżjed minn sena</u>** li ġie ppreżentat u wara li saret talba mir-rikorrent sabiex jiġi rikostruwit, ġie rikostruwit fil-25 ta' April 2024[1], li permezz tiegħu talab lil Sabrina Aquilina (hawn imsejjħa "l-intimata") sabiex tidher quddiem il-Qorti fid-data appuntata għas-smigħ sabiex twieġeb għat-talba tiegħu li l-Qorti:

> **'Tiddikjara illi l-intimata hija debitriċi tar-rikorrent Jean Paul Grima għas-somma ta' ħdax -il elf mitejn u ħamsa u tletin Ewro (€11,235) rappreżentanti approprjazzjoni indebita ta' ċappetta tad-deheb 18 carat b'piż ta' 209.1 grammi;**
>
> **Tikkundanna l-intimata tħallas l-istess somma lir-rikorrent;**
>
> **Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ppreżentat kontestwalment.'**

wara li rat ir-risposta tal-intimata ppreżentata fis-17 ta' Ġunju 2024[2] li permezz tagħha wieġbet kif ġej:

[1] Fol 1-2
[2] Fol 10-13.

1. **‘Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għal eċċezzjonijiet ulterjuri, it-talbiet rikorrenti għandhom jiġu miċħuda stante illi l-azzjoni hija nsostenibbli u/jew improponibbli stante illi l-fatti kif deskritti minn l-attur huma inverosimili u jirravviżaw l-assurd. Dan qiegħed jingħad in vista tal-fatt li l-intimata tiċħad kwalunkwe involviment ma dak li għandu x’jaqsam ġojjellerija li setgħet kienet tal-attur;**
2. **Illi, sussidjarjament għas-suespost, it-talbiet rikorrenti għandhom jiġu miċħuda stante illi jonqos ukoll l-element ta’ ness kawżali kif rikjest mil-Liġi u fl-ebda punt ma l-eċċipjenti ma jista qatt jipprova li l-istess ġojjelli ġie approprjat indebitament;**
3. **Illi, fil-mertu u sussidjarjament għall-ewwel żewġ eċċezzjonijiet u mingħajr preġudizzju għall-istess, it-talbiet rikorrenti għandhom jiġu miċħuda stante illi, kif sejjer jirriżulta mill-provi, il-kawża odjerna hija l-enneżima inizjattiva ġudizzjarja fallaċi li l-attur qiegħed jipproponi kontra l-intimata li hija parti offiża f’każ ta’ vjolenza domestika serjissimu u li għadu pendenti lite u dan bil-għan li jintimida l-istess;**
4. **Illi, fil-mertu, u sussidjarjament għall-eċċezzjonijiet suesposti, u mingħajr preġudizzju għall-istess, l-istess danni allegati minn l-attur kienu tort tat-traskuraġni tiegħu stess li ma jistax jiġi mputat lill-intimata;**
5. **Illi, fil-mertu u sussidjarjament għall-eċċezzjonijiet suesposti u mingħajr ebda preġudizzju għall-istess, t-talbiet rikorrenti għandhom jiġu miċħuda stante illi din l-azzjoni saret biss biex tilħaq l-istess għan illi tissana jew tattribwixxi aġir illegali u abbużiv u li jikkonsisti f’reati penali. L-azzjoni odjerna m’għandhiex tkun mezz biex tissanċixxi aġir abbużiv u leżiv tal-eċċipjenti esponenti u kwindi din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad it-talbiet rikorrenti;**

   **Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti illi minn issa huma inġunti għas-subizzjoni.’**

wara li semgħet l-unika xhud li ġiet prodott u qrat it-traskrizzjoni tat-testimonjanza tiegħu,

wara li rat l-atti proċesswali,

qed tagħti din is-

## Sentenza

### Provi

1. Fis-seduta miżmuma s-17 ta’ Ġunju 2024 xehed r-rikorrent **<u>Jean Paul Grima</u>**[3] li fost affarijiet oħra qal is-segwenti:

---

[3] Fol 14A-14V

a. Spjega illi huwa kien f'relazzjoni mal-intimata għal madwar ħames xhur u matulha kien jorqod għandha ġewwa Raħal Ġdid. Qal kif darba minnhom, li kien is-Sibt filgħaxija fi żmien il-Milied tal-2022, huma ħarġu flimkien u meta marru lura d-dar tagħha huwa neża ċappetta li kien jilbes fuq idu. Dakinhar kienu argumentaw u mar għand ommu u ħalla ċ-ċappetta għandha. Huwa kien reġa' mar għandha l-għada filgħodu iżda ma fetħitlux il-bieb u kienet kellmitu mit-tieqa. Staqsiha għaċ-ċappetta però l-intimata qaltlu li ma kinitx għandha u li ma kienx vera li kien ħalliha għandha. Daħlu f'argument u ċempel lill-Pulizija. Qal li inbdew proċeduri kriminali f'dan ir-rigward.

b. Huwa esebixxa ritratti taċ-ċappetta[4] kif ukoll riċevuta maħruġa minn Diamonds International ta' Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta, li turi li din għandha piż ta' 209.1 gramma, hija 18-*carat gold* u għandha valur ta' € 11,235[5].

c. Qal illi huwa kien jaħdem lil Diamonds International fl-industrija tal-kostruzzjoni u li ċ-ċappetta kienet ingħatat lilu minflok l-aħħar ammont li kien fadlilhom iħallsuh.

d. Spjega li hu u l-intimata kienu bagħtu messaġġi lil xulxin u li f'messaġġ minnhom hija kienet qaltlu li ser tgħaddihilu din iċ-ċappetta. Qal ukoll illi f'messaġġ ieħor kienet infurmatu li għamlet rapport l-Għassa ta' Raħal Ġdid dwar li kienu serqu din iċ-ċappetta minn ħwejjiġha. Hu filfatt ġie mitkellem minn ċertu Spettur Paul Camilleri.

e. Sostna illi għalih ikun aħjar li l-intimata ttih lura ċ-ċappetta minflok il-flus tagħha.

f. Fuq mistoqsija tal-Qorti huwa qal illi ċ-ċertifikat baqa' qatt ma ġabru mingħand Diamonds International sakemm fuq parir tal-avukat tiegħu huwa mar jiġbru sabiex ikun jista' jesebih fil-kawża bħala prova tal-valur taċ-ċappetta.

---

[4] Fol 15-17.
[5] Fol 18-19.

g. In kontroeżami kkonferma illi wara t-tilwima li kienet inqalgħet kienu ssejjħu l-Pulizija u huwa kien tressaq il-Qorti fuqha. Ċaħad li r-rapport li sar mill-intimata kien dwar li kien seraq iċ-ċappetta minn ġo ħwejjiġha.

h. Ċaħad ukoll illi l-intimat qatt tagħtu jew sellfitu somma ta' bejn wieħed u ieħor € 9,800.

i. Ċaħad li l-argument kien qam fuq flus, u tenna li l-ġlieda qamet għax ma riditx ttih ċ-ċappetta lura u għax kien hemm ukoll mara fin-nofs. Qal li kien hemm messaġġ li kien bagħtilha li fih kien qallha li setgħet iżżomm xi flus tiegħu li kellu għandha iżda ried iċ-ċappetta lura. Imbagħad skont hu kienet bagħtitlu lura biex tgħidlu li kienet ser tbiegħ iċ-ċappetta u tagħtih il-flus tagħha iżda huwa qalilha li ried iċ-ċappetta mhux il-flus. Qal li m'għandux kopja ta' dawn il-messaġġi imma suppost hija għandha. Huwa kkonferma dak li qalet il-Qorti illi dawn il-messaġġi kienu ġew esebiti f'kawża oħra konnessa (rikors ta' revoka tal-mandat kawtelatorju li ġie ppreżentat kontestwalment mar-rikors promotur u li ġie deċiż minn din il-Qorti kif presjeduta). Reġa tenna illi dak li kien qalilha f'messaġġ minnhom kien li setgħet iżżomm il-flus tiegħu li kienu għandha u mhux li setgħet iżżomm iċ-ċappetta.

j. Ċaħad li l-intimata kienet sellfitu is-somma msemmija ta' € 9,800 minħabba li kellu xi dejn ma ħaddieħor.

k. Meta ġie mistoqsi 'l għala fetaħ il-kawża odjerna proprju fl-istadju finali (provi difiża) tal-kawża kriminali li kienet infetħet kontrih (kumpilazzjoni), u ma fetaħiex fil-bidu, huwa tenna li dan għaliex kellu avukat li ma kienx qed jirsistilu u issa sab wieħed li jaħdimlu kif suppost. Qal li l-avukat li kellu qabel kien qallu sabiex jistenna l-eżitu tal-proċeduri kriminali imbagħad jiftaħ il-kawża ċivili.

l. Qal illi huwa kien għamel diversi rapporti mal-Pulizija dwar is-serq taċ-ċappetta u l-intimata baqgħet ma tressqitx għax l-avukat li kellu ma kienx qed jirsistilu.

m. In kontroeżami spjega illi huwa ma kienx neża ċ-ċappetta u marx liebes biha dakinhar tas-Sibt filghaxija meta mar id-dar tagħha u kienu ġġieldu iżda din kienet diġà għandha fid-dar tagħha. L-għada kienet fetħitlu, tela' għandha u bdew jargumentaw.

n. Finalment qal illi ċ-ċappetta kienet tiegħu mhux tal-intimata u li fuqha kien hemm imnaqqax il-laqam tiegħu: "Tal-Pitillu". Iċ-ċappetta kienet inħadmet speċifikament għalih.

2. Il-Qorti rat l-atti tal-proċess tar-rikors numru 18/2024 fl-istess ismijiet li ġew allegati mal-kawża odjerna. Dan ir-rikors kien ġie intavolat mill-intimata sabiex jiġi revokat il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li ġie ppreżentat kontriha mir-rikorrent kontestwalment ma' din il-kawża. Ir-rikors instemgħa minn din il-Qorti kif presjeduta u ġie deċiż permezz ta' digriet maħruġ fil-11 ta' Marzu 2024 f'liema digriet il-Qorti ċaħdet it-talba tal-intimata sabiex il-mandat jiġi revokat.

3. Fl-atti tar-rikors imsemmi xehdet **<u>Sabrina Aquilina</u>** li fost affarijiet oħra qalet illi hija kienet silfet somma ta' € 9,000 lir-rikorrent minħabba li kellu d-dejn ma' terzi u hu min-naħa tiegħu kien għaddilha ċ-ċappetta sakemm jaqta' d-dejn. Qalet li huma marru flimkien sabiex jistmaw iċ-ċappetta. Hija esebiet serje ta' messaġġi[6] li ġew skambjati bejnha u bejn ir-rikorrent. Sostniet illi wara li ġġieldu r-rikorrent kien qalilha sabiex iżżomm iċ-ċappetta iżda hi qaltlu li hija trid il-flus lura mhux iżżomm iċ-ċappetta.

4. Ta' min jgħid li fil-kawża odjerna però l-intimata la xehdet u lanqas ressqet provi u dan minkejja li fir-risposta tagħha ressqet numru ta' eċċezzjonijiet fosthom illi: (i) tiċħad kwalunkwe involviment maċ-ċappetta, (ii) m'hemmx l-element ta' ness kawżali u r-rikorrent ma jista' jressaq l-ebda prova li ċ-ċappetta ġiet approprjata b'mod indebitu, (iii) il-kawża odjerna hija tentattiv ieħor tar-rikorrent sabiex jivvessa lill-intimata bl-għan li jintimidaha u dan fil-isfond tal-kawża pendenti kriminali li hemm kontrih in konnessjoni ma' vjolenza domestika.

**Kunsiderazzjoni: il-ġurisprudenza**

5. Il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-ismijiet: **<u>Gaetana Mamo v. Therese sive Tessie Mercieca et.</u>** (Ċit Nru. 1547/1997/1 PS, 26/10/2005) fejn inghad illi:

> "in bazi ghad-dritt probatorju, kull parti ghandha f'kaz bhal dan id-dmir li taghti prova ta' l-ezistenza tal-fatt allegat, favorevoli ghat-tezi taghha. L-oneru hu distribwit b'mod li l-attrici trid tipprova l-fatti kostituttivi tad-dritt azzjonat minnha ("actori incumbit probatio") mentri l-konvenuti huma tenuti jipprovaw il-fatt minnhom allegat kostitwenti l-kontroprova offerta biex tikkuntrasta il-pretiza ta' l-attrici ("reus in excipiendo fit actor"). Ara Kollez. Vol. XLVI P I p 5. Naturalment, il-piz probatorju tal-konvenuti jinsorgi konkretament fil-kaz biss li l-attrici tkun ressqet prova tal-

[6] Fol 24-25 tal-proċess bin-numru 18/2024 allegat mal-atti tal-kawża odjerna.

fatti posti bhala bazi tad-domanda taghha. Dan ghaliex in-nuqqas jew insufficjenza tal-prova tac-cirkostanzi dedotti mill-konvenuti biex tikkonfuta l-pretensjoni ta' l-attrici ma jiddispensax lil din mill-oneru li tiddemostra adegwatament il-legittimita u l-fondatezza tal-meritu tat-talba taghha".

6. Fis-sentenza fl-ismijiet **Mario Farrugia v. Jonathan Pellegrini** (Avviż tat-Talba numru: 356/2016 KCX, Tribunal għal Talbiet Żgħar, deċiża 31/10/2019) ingħad fost oħrajn illi:

"il-procediment odjern huwa ta' indole civili u ghalhekk l-oneru huwa mixhut fuq l-attur li hu dik il-parti li qed tallega certa fatti ai termini tac-citat Art. 562 tal-Kodici ta' Procedura Civili. Dan mhux mistenni li jipprova l-kaz tieghu lil hinn minn kwalsiasi dubju dettat mir-raguni (i.e., "beyond reasonable doubt") hekk kif rikjest fi procedimenti ta' natura penali. Hawnhekk, il-grad ta' prova huwa li l-attur jipprova l-pretensjoni tieghu fuq bilanc ta' probabilitajiet (i.e., "preponderance of the evidence" jew "balance of probabilities"). Tali *standard* jintlahaq jekk il-pretensjoni jew allegazzjoni ghandha aktar mis-sewwa milli le meta mpoggija fl-isfond fattwali tal-grajja. Tali *standard* jigi sodisfatt bil-produzzjoni ta' provi idoneji u sufficjenti li jaghtu piz lill-allegazzjoni ta' xi parti. Skond **LORD DENNING J**., fil-kaz ta' «Miller v. Minister of Pensions» ([1947] 2 All ER 372), hu jispjega din in-norma procedurali hekk: "*If the evidence is such that the tribunal can say: 'we think it more probable than not', the burden is discharged, but if the probabilities are equal it is not*." Ukoll interessanti hi l-asserzjoni maghmula minn **LORD HOFFMAN J**. fil-kaz ta' «Re B» ([2008] UKHL 35) fejn sostna dan: "*If a legal rule requires a fact to be proved (a 'fact in issue'), a judge or jury must decide whether or not it happened. There is no room for a finding that it might have happened. The law operates a binary system in which the only values are 0 and 1. The fact either happened or it did not. If the tribunal is left in doubt, the doubt is resolved by a rule that one party or the other carries the burden of proof. If the party who bears the burden of proof fails to discharge it, a value of 0 is returned and the fact is treated as not having happened. If he does discharge it, a value of 1 is returned and the fact is treated as having happened*."

Kif gie osservat minn dan it-Tribunal, kif presjedut, fis-sentenza *in re* **Ivan Blazek v. Personal Exchange International Ltd** (European Small Claims Procedure, 21 ta' Marzu, 2018)**,** "*From the Tribunal's viewpoint, it is rather like a pair of scales – to win the case one needs to tip them a little bit past level. Therefore, if a judge reaches the conclusion that it is fifty per cent (50%) likely that the plaintiff is in the right, the plaintiff will have his case rejected or dismissed. On the other hands, if the judge reaches the conclusion that it is fifty one per cent (51%), or more, likely that the plaintiff is in the right, then the plaintiff will win the case. In the present case, it is the plaintiff who is 'burdened' to prove his allegations against the defendant company."*

7. Fid-dawl ta' dan l-insenjament misjub fil-ġurisprudenza li wara kollox huwa riflessjoni tal-prinċipji legali ċivili li jsawwru s-sistema ġudizzjarja tagħna, kien kompitu tar-rikorrent qabel xejn li jipprova l-każ tagħha fuq bilanċ ta' probabiltajiet. Imbagħad appena jagħmel dan, kien kompitu tal-intimata illi rinfaċċjata bil-provi tar-rikorrent, twieżen dak li ġie allegat kontra l-pretiża tagħha illi hija m'għandha x'taqsam xejn maċ-ċappetta in kwistjoni.

8. Jirriżulta b'mod ċar lill-Qorti illi x-xhieda tar-rikorrent m'hijiex feliċi billi mhux biss ma tnissilx konvinċiment morali fil-Qorti illi iżjed iva milli le għandu raġun f'dak li qed jgħid, iżda oltre minn hekk fiha numru ta' diskrepanzi li jnaqqru mill-kredibilta' tal-istess rikorrent.

9. Ir-rikorrent spjega *inter alia* kif huwa kien f'relazzjoni ma' l-intimata għal madwar ħames xhur. Darba fost l-oħrajn huwa qal li ħarġu, daħlu lura d-dar, neża ħwejġu u kellhom argument u għalhekk huwa ddeċida li jmur għand ommu – u ħalla ċ-ċappetta għand l-intimata. L-għada filgħodu huwa mar lura għand l-intimata sabiex jiġborha u l-intimata ma fetħitlux.[7] Il-verżjoni mogħtija mir-rikorrent però imbagħad inbidlet fil-kontroeżami li sarlu dakinhar stess u dan għaliex f'daqqa waħda stqarr li huwa ma kienx daħal għand l-intimata biċ-ċappetta, imma din kienet diġà għandha.[8] Ikkonfrontat propju fuq din il-kontradizzjoni, ir-rikorrent tenna illi huwa ma kien ta x'jifhem fix-xhieda tiegħu illi huwa kien biċ-ċappetta meta daħal għand l-intimata fil-lejl li kienu ġġieldu. Mhux hekk biss, filwaqt li in eżami qal illi meta l-għada mar iħabbat bieb l-intimata din ma fetħitlux il-bieb u kellmitu biss mit-tieqa, in kontroeżami imbagħad qal illi filfatt kienet fetħitlu, tela' għandha u bdew jargumentaw.

10. Huwa ukoll indikattiv il-fatt illi għalkemm fix-xhieda tiegħu r-rikorrent allega illi kellu messaġġ mibgħut lilu mill-intimata li juri li kienet sejra ttih iċ-ċappetta lura, dan il-messaġġ baqa' ma ġiet qatt esebit minnu fl-atti.

---

[7] "***Xhud****: Eżatt. Dħalt u nżajt ħwejġi u hekk kollox, u qaltli, bdejna nilletikaw u għiditlila ha mmur għand ommi jiena. U bħal speċi ħadt l-affarijiet u ċappetta ħallejta hemm. U, u filgħodu mort hemm jiena, bħal ma ġieli kellna argument u filgħodu nerġa mmur. U dakinhar imbaħad kellna argument għax hi ma tatilix iċ-ċappetta lura."* – Fol 14B

[8] "***Xhud****: Le, le, l-ġurnata ta' qabel jiena ma dħaltx biha kienet għandha. Jiena kont naf li qeda għandha u ċappetta ma ħadti minn għandha."* – Fol 14S

11. Sa hawnhekk biss il-Qorti diġa tqis illi x-xhieda tar-rikorrenti hija nieqsa mill-kredibilita u konsistenza rikjesta sabiex tnissel fiha l-konvinzjoni li taċċetta l-verżjoni tiegħu u tiskarta l-eċċezzjonijiet tal-intimata.

12. Meta imbagħad il-Qorti fliet l-atti tal-proċess bin-numru 18/2024 fl-istess ismijiet, liema atti ġew allegati mal-kawża odjerna, **<u>partikularment il-messaġġi esebiti a fol 24-25 tal-istess proċess,</u>** rriżultalha b'mod konklussiv illi r-rikorrent prova iqarraq bil-qorti u li mhuwiex il-każ illi ċ-ċappetta in kwistjoni ġiet approprjata b'mod indebitu mill-intimata. Minn dawn il-messaġġi jirriżulta illi l-inċident bejn il-partijiet inqala' f'Diċembru 2021 u li r-rikorrent irrikonoxxa illi l-intimata kienet sellfitu s-somma ta' € 9,000. Jirriżulta illi wara l-inċident l-intimata ppretendiet illi jekk ir-rikorrent ried iċ-ċappetta lura, allura kienet qed tistenna li jħallasha lura s-somma ta' € 9,000. B'mod ċar jirriżulta ukoll illi r-rikorrent qal lill-intimata li **<u>setgħet iżżomm iċ-ċappetta</u>** bħala tifkira tiegħu jew sabiex tagħmel li trid biha. Min-naħa tagħha l-intimat insistiet li trid flusha lura.

13. Minn dawn il-messaġġi joħroġ allura mhux biss illi r-rikorrent **<u>gideb</u>** fil-kawża odjerna meta ċaħad b'mod kategoriku li l-intimata kienet sellfitu xi flus iżda inoltre **<u>gideb</u>** ukoll meta qal lill-Qorti illi huwa kien qalilha sabiex iżżomm il-flus li kellu għandha basta tirritornalu lura ċ-ċappetta. **<u>Gideb</u>** mhux biss għaliex ma jidhirx li huwa kien ħalla xi flus għandha (anzi bil-kontra jidher illi kienet hi li sellfitu somma konsiderevoli ta' flus), iżda anke għaliex prova jagħti interpretazzjoni qarrieqa ta' messaġġ[9] li jxejjen l-allegazzjoni prinċipali tiegħu illi l-intimata approprjat b'mod indebitu ċ-ċappetta in kwistjoni. F'dan il-messaġġ jidher b'mod ċar illi r-rikorrent ried li l-intimata żżomm iċ-ċappetta – konferma iswed fuq l-abjad illi *jekk iċ-ċappetta nżammet* mill-intimata, dan seħħ bil-kunsens tiegħu u mhux b'riżultat ta' xi approprjazzjoni indebita.

14. Dwar jekk iċ-ċappetta verament tinsabx fil-pussess tal-intimata, il-Qorti ma tistax tgħid għaliex l-intimata ma qalet xejn f'din il-kawża u lanqas ma ċaħdet li tinsab għandha fil-kors tal-proċeduri tar-rikors numru 18/2024. Biss irid jingħad ukoll illi l-intimata lanqas ma kienet għal kollox trasparenti f'dan ir-rigward. Per eżempju fir-risposta tagħha għar-rikors promotur hija qalet illi *"tiċħad kwalunkwe involviment ma dak li għandu x'jaqsam ġojjellerija li setgħet kienet tal-attur"* iżda ma semmietx iċ-ċappetta b'mod speċifiku u ma qalitx ċar u tond li ċ-ċappetta ma kienetx għandha (jew

[9] Messaġġ li r-rikorrent ma ndenjax jippreżenta iżda li kien jaf li diġà ġie ppreżentat mill-intimata fil-proċess bin-numru 18/2024.

li kienet għandha iżda żammitha bil-kunsens tar-rikorrent sabiex jagħmel tajjeb għad-dejn li kellu magħha).

15. Li huwa żgur però huwa illi jekk din iċ-ċappetta nżammet mill-intimata, dan sar bil-kunsens tar-rikorrent u għalhekk il-premessa unika tiegħu li fuqha huma msejsa t-talbiet tiegħu taqa' fix-xejn billi ma tirriżulta l-ebda approprazzjoni indebita min-naħa tal-intimata.

**Deċiżjoni**

16. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiddisponi minn din il-kawża billi tiċħad it-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjeż kontra tiegħu.**

**Inoltre il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tiġi kkomunikata lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinvestiga lir-rikorrent bl-għan li jiddetermina jekk hux passibbli fil-konfront tiegħu għar-reat ta' sperġur fi proċeduri ċivili ai termini tal-Art. 106 tal-Kodiċi Kriminali.**

V.G. Axiak — Y.M. Pace

Maġistrat — Dep Reġistratur